MALTA

# TRIBUNAL GHAL TALBIET ZGHAR

**GUDIKATUR DR.**
**ANTHONY ELLUL**

Seduta tat-23 ta' Jannar, 2003

Talba Numru. 2308/2002

**Atlas Insurance Agency Limited bhala rapprezentanti tas-socjeta estera AXA Insurance plc, surrogata fid-drittijiet tal-assikurat taghha Marco Micallef**

**Vs**

**Alexander Van Reeven**

**It-Tribunal,**

Ra l-avviz tat-talba li permezz tieghu is-socjeta attrici talbet il-hlas tas-somma ta' elf erbgha mija u erbghin lira Maltija (Lm1,440) flus minnha mhallsa a favur ta' l-assikurat taghha bhala indenniz konsegwenza ta' incident tat-traffiku li sehh fil-25 ta' Settembru 2001, meta waqt li l-konvenut kien qed isuq il-vettura numru GAI 348 habat mal-vettura numru CAP 391, propjeta ta' Marco Micallef.

Ra li mill-atti jirrizulta li ghalkemm il-konvenut gie debitament notifikat, ma kkontestax il-kawza fit-terminu preskritt mil-ligi u lanqas deher ghas-seduti.

Semgha x-xhieda ta' Marco Micallef u Steve Conti.

Ra d-dokumenti.

1. Mix-xhieda li nghatat m'hemm l-ebda ombra ta' dubju li l-konvenut kien unikament responsabbli ghal dan l-incident li seta' kellu konsegwenzi ferm gravi. Is-sewqan sperikolat min-naha tal-konvenut kien il-kawza prossima ta' l-incident, u mill-provi rrizulta li Marco Micallef kien ghaddej ghall-affari tieghu meta l-vettura tieghu ntlaqtet minn wara mill-vettura misjuqa mill-konvenut. Certament il-verzjoni moghtija mill-konvenut lill-pulizija li nvestiga l-kaz m'hijiex verosimili.

2. B'riferenza ghad-danni reklamati dawn irrizultaw sodisfacentement ippruvati. Jirrizulta li l-vettura assigurata mas-socjeta attrici sofriet danni rreparabbli u giet dikjarata *"beyond economical repair"*.

Ghaldaqstant, it-Tribunal jaqta' u jiddecidi l-kawza billi jikkundanna lill-konvenut ihallas is-somma ta' elf erbgha mija u erbghin lira Maltija (Lm1,440), bl-imghax mid-data tan-notifika.

L-ispejjez kollha huma ghak-karigu tal-konvenut.

**Avukat Dr. Anthony Ellul**
**Gudikatur.**

--------------------------------TMIEM--------------------------------